MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-25 ta' Frar, 2019

Rikors Maħluf Numru 964/2017 LM

**Teresa Mangion (ID Numru 256537M), Marica Montfort (ID Numru 96772M), u Felicità Grech (ID Numru 124465M)**

***vs.***

**Braydon Bonnici (ID Numru 245095M), u Untours Insurance Agents Limited bħala aġent tas-soċjetà estera Qatar Insurance Company u b'digriet tal-25 ta' Jannar, 2018, is-soċjetà Mapfre Middlesea plc ġiet awtorizzata tintervjeni fil-kawża *in statu et terminis***

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fl-20 ta' Ottubru, 2017 mill-atturi **Teresa Mangion** (ID 256537M), **Marica Montfort** (ID 96772M) u **Felicità Grech** (ID 124465M) (minn issa 'l quddiem "l-atturi"), u maħluf minn Marica Montfort u Felicità Grech, li jgħid kif ġej:

1. *Illi fl-20 ta' Settembru, 2016, fi Triq Ħal Far, Birżebbugia, seħħ inċident awtomobilistiku meta waqt li l-intimat Braydon Bonnici kien qiegħed isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni WWW 404, assikurata mis-soċjetà assikurattiva intimata Untours Insurance Agents Limited bħala aġent tas-soċjetà estera Qatar Insurance Company, ħabat mal-mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni MSX 116, misjuq mid-defunt Emanuel Mangion* ***(Dok. A);***

2. *Illi konsegwenza ta' dan l-inċident, tilef ħajtu traġikament l-imsemmi Emanuel Mangion, li jiġi iben l-esponenti Teresa Mangion u ħu l-esponenti Marica Montfort u Felicità Grech, aħwa Mangion;*

3. *L-esponenti huma l-eredi tad-defunt Emanuel Mangion li miet ab intestat* ***(Dok. B);***

4. *Għal dan l-inċident u konsegwenzjali danni kien jaħti unikament l-intimat Braydon Bonnici minħabba imprudenzja, imperizja, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti;*

5. *Bħala konsegwenza ta' dan l-inċident, l-esponenti ġarrbu danni kif ser jiġi spjegat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

6. *Minkejja li l-intimati kienu interpellati sabiex jagħmlu tajjeb għad-danni subiti mill-esponenti huma baqgħu inadempjenti.*

*Għalhekk kellha ssir din il-kawża fejn l-esponenti qed jitolbu li din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tiddikjara lill-intimat Braydon Bonnici unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li seħħ fl-20 ta' Settembru, 2016, fi Triq Ħal Far, Birżebbugia hekk kif hawn fuq deskritt u għad-danni kolha li bħala konsegwenza tal-istess ġarrbu l-esponenti.*

2. *Tillikwida d-danni subiti mill-esponenti bħala werrieta tad-defunt Emanuel Mangion, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*

3. *Tikkundanna lill-intimat Braydon Bonnici u lis-soċjetà assikuratriċi intimata Untours Insurance Agents Limited bħala aġent tas-soċjetà estera Qatar Insurance Company fil-vesti tagħha bħala assikuratur tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni WWW 404, li kienet qed tinstaq mill-intimata Braydon Bonnici, sabiex iħallsu solidament bejniethom lill-esponenti dawk l-ammonti li jiġu dikjarati bħala dovuti minnhom lill-istess esponenti in linea ta' danni.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali skont il-liġi kontra l-intimati li huma inġunti għa-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **Untours Insurance Agents Limited** (C 5655) (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta"), li ġiet ippreżentata fl-10 ta' Novembru, 2017, u maħlufa minn Richard Vella (ID 523359M), li biha eċċepiet:

*1. Illi preliminarjament is-soċjetà Untours Insurance Agents Ltd mhix il-leġittima kontradittur stante li l-vettura WWW404 qatt ma nħarġitilha polza ta' assikurazzjoni da parti tas-soċjetà mittenti;*

*2. Illi bla preġudizzju għas-suespost ir-responsabbilità għall-inċident stradali li seħħ fl-għoxrin (20) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) hija respinta u kkontestata;*

3. *Salvi eċċezzjonijiet oħrajn permessi mil-liġi.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Braydon Bonnici** (ID 245095M), (minn issa 'l quddiem "il-konvenut"), li ġiet ippreżentata fit-13 ta' Novembru, 2017, u maħlufa minnu stess, li biha eċċepixxa:

*Illi l-esponenti Braydon Bonnici qiegħed jirrespinġi in toto l-kawża odjerna fil-premessi u t-talbiet tagħha, u dan fil-fatt u fid-dritt, għaliex huwa bl-ebda mod ma kien il-kaġun li wassal biex b'mod intenzjonali jew b'negliġenza, imprudenza, imperizja, jew inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku, laqat il-mutur misjuq minn Emanuel Mangion, li kellu n-numru ta' reġistrazzjoni MSX 116 permezz tal-vettura tiegħu li kellha n-numru ta' reġistrazzjoni WWW 404, u li per konsegwenza fl-20 ta' Settembru, 2016 fi Triq Ħal Far ġewwa Birżebbugia, dan tal-aħħar tilef ħajtu traġikament, kif ser jiġi ġustament muri fil-mori ta' dawn il-proċeduri, iżda apparti li kien hemm ħtija min-naħa tas-sewwieq tal-mutur stess, kien hemm ukoll eventwalità estranja għall-kontroll ta' Braydon Bonnici stess fis-sewqan tiegħu li wasslet sabiex iseħħ dan l-inċident stradali sfortunat u purament aċċidentali;*

*Illi jiġi ċċarat, illi Braydon Bonnici dakinhar tal-inċident kien għadu qiegħed jistudja fl-Akkademja tal-Pulizija biex jilħaq kuntistabbli u filgħodu kmieni bħal ma jiġri di regola kien fi triqtu lejn l-Akkademja u ftit minuti qabel ma seħħ l-impatt fi Triq Ħal Far ġewwa Birżebbugia, kif di natura ġie ukoll stabbilit kemm a tempo vergine fir-rapport li sar mill-Pulizija datat 20 ta' Settembru, 2016 kif ukoll fl-istqarrija tiegħu*

*quddiem il-Pulizija fl-investigazzjonijiet tagħhom datata 22 ta' Settembru, 2017 (Vide Dok. BB1), kien qiegħed isuq b'veloċità normalissima u stante l-fatt li kellu vettura oħra tal-għamla Toyota Hilux quddiemu li waqfet f'salt f'distanza ta' vettura bogħod minnu jew ftit iżjed minħabba vettura oħra quddiemha li kienet miexja lejn il-Hilux stess wrong way, fis-sens illi żammet il-brake quddiemu stess ħabta u sabta, huwa għamel l-istess b'reazzjoni naturali. Illi għalhekk u per konsegwenza tal-brake li żamm, il-vettura tiegħu tħaxknet kemm kemm 'il barra minn fuq il-lemin ta' quddiem waqt il-waqfien tagħha u sabet lill-mutur misjuq minn Braydon Bonnici stess u l-ġenb ta' quddiem. In fatti l-mutur ma waqafx kompletament ma' quddiem tal-vettura ta' Braydon Bonnici, iżda ħabat u tħaxken mal-ġenb bil-konsegwenza illi qaċċat ukoll il-mera tal-ġenb tal-lemin tal-vettura ta' Braydon Bonnici li kienet Opel Tigra (Vide Dok. BB2);*

*Illi jiġi ċċarat ulterjorment illi dan kien verament każ aċċidentalissimu u traġiku fl-istess ħin għaliex il-mutur misjuq minn Emanuel Mangion kien qiegħed f'nofs il-karreġġjata tiegħu, jew tal-inqas iktar lejn ix-xellug tal-karreġġjata stess, kieku żgur illi ma kienx iseħħ dan l-impatt, u Braydon Bonnici bl-ebda mod ma seta' jevita dan l-inċident stradali għaliex huwa kif d'istint jiġri f'każijiet simili kull ma għamel kien illi nħasad, żamm il-brake, u f'daqqa waħda jħoss impatt li eventwalment irriżulta kien mutur li wara li għadda kważi mħaxken mal-vettura ta' quddiemu u ċioe l-van Hilux, intlaqat mal-ponta tal-lemin tiegħu u l-ġenb tal-lemin ta' quddiem. Dan kien ta' dispjaċir għalih għaliex din kienet u tibqa' trawma għal ħajtu kollha, għax kellu jitlef ħajtu l-istess Emanuel Mangion fuq inċident traġiku u inċidentali.*

*Illi mingħajr preġudizzju għal dak surriferit, jiġi eċċepit, iċċarat u stabbilit b'mod ulterjuri, illi anki se mai kieku wieħed kellu jipprova jattribwixxi xi forma ta' kontributorjetà fil-ħtija tal-akkadut fuq Braydon Bonnici versu l-ħabta jew aħjar il-kolliżjoni li saret, dan ma jistax iseħħ għaliex kif ġie mistqarr aktar 'il fuq, dan kien każ eċċezzjonali fid-dinamika ta' kif seħħew il-manuvri ta' min kien involut, għaliex Braydon Bonnici safa vittma wkoll ta' din il-kolliżjoni, bid-differenza illi ma kienx qiegħed isuq mutur u allura ċerti konsegwenzi traġiċi ġew evitati fuqu għax kien aktar protett.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom imorru u jiġu ddikjarati kontra l-atturi, li minn issa qegħdin jiġu msejħin in subizzjoni.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-28 ta' Jannar, 2019, fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza limitatament dwar il-kap tal-ispejjeż.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Il-kawża odjerna ġiet istitwita mill-atturi, ilkoll eredi ta' Emanuel Mangion li tilef ħajtu f'inċident tat-traffiku waqt li kien qiegħed isuq mutur fi Triq Ħal Far, f'Birżebbugia, meta għal xi raġuni kien hemm kolliżjoni mal-vettura li kien qiegħed isuq il-konvenut. Fl-azzjoni mibdija minnhom, l-atturi talbu lill-Qorti tiddikjara li l-konvenut kien responsabbli għal dan l-inċident, kif ukoll għamlu talba għal-likwidazzjoni u kundanna għall-ħlas tad-danni sofferti mill-atturi konsegwenza ta' dan l-inċident.

Il-konvenut min-naħa tiegħu wieġeb li l-ebda ħtija ma tista' tiġi addebitata lilu għall-akkadut, u li dan l-inċident kien riżultat ta' sfortunju ċirkostanzjali li sabu ruħhom fih il-partijiet kollha li kienu involuti fih.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Kontestwalment mar-rikors promutur l-atturi esebew kopja tar-rapport tal-Pulizija bid-dettalji dwar dan l-inċident[1], minn fejn jirriżulta li l-inċident

[1] *A fol.* 6 tal-proċess.

inkwistjoni seħħ wara ħabta frontali bejn il-vettura misjuqa mill-konvenut, u l-mutur misjuq minn Emanuel Mangion, iben u ħu l-atturi. L-atturi ppreżentaw ukoll kopja ta' dikjarazzjoni min-**nutar Antonella Navarro**[2], b'konferma li d-defunt Emanuel Mangion miet intestat[3] u *improle*, u li skont il-liġi wirtuh ommu Teresa Mangion u l-uniċi ħutu Marica Montfort u Felicità Grech, ilkoll atturi f'din il-kawża. Miċ-ċertifikat tal-mewt ippreżentat mill-atturi jirriżulta li Emanuel Mangion miet ta' 47 sena.[4]

Il-konvenut min-naħa tiegħu ppreżenta kopja tal-istqarrija li rrilaxxja lill-Pulizija.[5]

Fl-udjenza tas-17 ta' Jannar, 2018 xehed l-**Ispettur Johann Fenech**[6], li kkonferma li l-inċident li fih tilef ħajtu Emanuel Mangion seħħ fl-20 ta' Settembru, 2016 fi Triq Ħal Far, ġewwa Birżebbugia. Ix-xhud qal li meta hu wasal fuq il-post tal-inċident seta' jikkonstata li l-vettura tal-għamla Opel Tigra misjuqa mill-konvenut kienet wieqfa b'mod angolat, u kellha ħsarat sostanzjali fil-parti ta' quddiem tagħha. Qal li f'distanza ta' ftit metri kien hemm ukoll il-mutur li kien misjuq mill-konvenut, u li wkoll kellu ħsarat konsiderevoli, bis-sewwieq tal-mutur li wkoll kien għadu fl-art. Qal li mill-investigazzjonijiet li saru fuq il-post ġie nnotat li ma kienx hemm marki tar-roti fit-triq, filwaqt li wara li s-sewwieq tal-mutur ittieħed l-Isptar, il-Pulizija ġew infurmati li dan kien fil-periklu li jitlef ħajtu, u fil-fatt dakinhar stess filgħaxija, Emanuel

[2] *A fol.* 13 tal-proċess.
[3] Kopji tar-riċerki testamentarji *a fol.* 15 u 16 tal-proċess.
[4] *A fol.* 14 tal-proċess.
[5] *A fol.* 28 tal-proċess.
[6] *A fol.* 38 tal-proċess.

Mangion tilef ħajtu. Ix-xhud ippreżenta wkoll kopja taċ-*charge sheet*[7] li permezz tagħha l-konvenut ġie akkużat quddiem il-Qorti Kriminali.

Fl-istess udjenza xehed **PS 816 Shaun Vassallo**[8], li qal li dakinhar tal-inċident inkwistjoni hu kien xogħol fl-għassa tal-Pulizija ta' Birżebbugia, u li meta l-Pulizija saret taf li kien hemm inċident li fih is-sewwieq ta' mutur kien fil-periklu li jitlef ħajtu, hu kien informa lill-Ispettur Fenech, li mar fuq il-post ftit wara.

Fl-udjenza tat-23 ta' Frar, 2018 xehed il-**PC 813 Clinton Vella**[9], li kien ġie maħtur bħala espert fotografiku wara l-inċident, u li qal li kien mar fuq is-sit dakinhar stess li seħħ l-inċident, sabiex jiffotografa x-xena tal-inċident. Ix-xhud esebixxa faxxikolu bir-ritratti li ħa fuq is-sit.[10]

Fl-istess udjenza xehed il-**PL Mario Buttigieg**[11], li qal li hu nħatar sabiex jagħmel rikostruzzjoni tal-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. Ix-xhud qal li wara li kkonkluda l-investigazzjoni tiegħu, kien ta parir lill-Maġistrat inkwerenti sabiex jittieħdu passi kriminali fil-konfront tal-konvenut, u dan minħabba li wara l-impatt mal-mutur dan spiċċa fuq il-karreġġjata l-oħra, riżultat ta' sewqan traskurat u perikoluż, u minħabba li kien ikkaġuna ħsara involontarja u l-mewt tal-vittma. Ix-xhud esebixxa wkoll kopja tar-rapport li ħejja fl-atti tal-inkjesta maġisterjali[12]. Skont dan ir-rapport:

> "Illi l-allegat inċident seħħ meta vettura ta' għamla Opel mudell Tigra, bin-numru tar-reġistrazzjoni WWW 404 li kienet qed tiġi misjuqa minn Braydon Bonnici mid-direzzjoni ta'

[7] *A fol.* 45 tal-proċess.
[8] *A fol.* 46 tal-proċess.
[9] *A fol.* 66A.
[10] *A fol.* 67 tal-proċess.
[11] *A fol.* 105A tal-proċess.
[12] *A fol.* 106 tal-proċess.

> Birżebbugia u kienet allegatament sejra lejn id-direzzjoni tal-Gudja. Illi l-mutur tal-għamla Honda bin-numru ta' reġistrazzjoni MSX 116 misjuqa minn Emanuel Mangion kien ġej mid-direzzjoni opposta. Illi f'daqqa u l-ħin għal xi raġuni l-vettura ta' Braydon Bonnici qasmet u marret fuq il-karreġġjata opposta u hemm seħħet il-kolliżjoni mal-mutur li kien ġej fi triqtu."

Ix-xhud qal li minn dak li seta' jikkonstata meta mar fuq il-post tal-inċident, irriżultalu li l-vettura misjuqa mill-konvenut ma ħalliet ebda marki ta' brejkijiet mal-art, filwaqt li kien hemm xi grif ħafif li tħalla mill-mutur mal-art. Ix-xhud qal li għal xi raġuni l-vettura misjuqa mill-konvenut spiċċat fuq in-naħa l-oħra tat-triq, bil-konsegwenza li din ħabtet mal-parti ta' quddiem tal-mutur li kien għaddej mill-karreġġjata l-korretta. Mal-ħabta, is-sewwieq tal-mutur tar 'il quddiem, qabeż is-saqaf tal-vettura, bil-*helmet* saħansitra barax il-ġenb tal-vettura. Ix-xhud irrefera għall-istqarrija mogħtija mill-konvenut lill-Pulizija, u qal li din l-istqarrija ma tantx kellha mill-verità u dan minħabba li kieku kien hemm vettura oħra għaddejja mill-istess karreġġjata tal-konvenut, kien aktar jagħmel sens għalih li jnaqqas mill-veloċità tiegħu, milli li jaqbeż fuq il-karreġġjata opposta b'mod li spiċċa jsuq b'mod negliġenti fuq karreġġjata li ma kinitx tiegħu. Qal li jekk huwa minnu li l-konvenut kien qiegħed isuq f'distanza qasira mill-vettura ta' quddiemu, hu qatt ma seta' jara l-mutur ġej minn faċċata u għalhekk ma kellux il-*proper lookout* rikjest. Fir-rapport tiegħu, ix-xhud qal ukoll li ma jidhirx li l-konvenut kellu xi raġuni għalfejn jaqleb il-karreġġjata, u lanqas ma jidher li dan ipprova jieħu xi azzjoni evażiva sabiex iwaqqaf il-vettura, tant li lanqas marki tal-brejkijiet mal-art ma tħallew.

Permezz ta' nota ppreżentata fits-17 ta' Ottubru, 2018[13], l-atturi ċedew il-kawża fil-konfront tal-konvenut Braydon Bonnici. Dan stante li fil-mori tal-kawża sar pagament da parti tas-soċjetà assikuratriċi tal-konvenut, wara li

[13] *A fol.* 127 tal-proċess.

rriżulta li s-soċjetà konvenuta ma kinitx hi s-soċjetà assikuratriċi tal-konvenut, liema pagament issalda l-pretensjonijiet attriċi. Madankollu l-atturi żammew fermi d-drittijiet tagħhom għal dak li jirrigwardja l-kap tal-ispejjeż u qegħdin jippretendu li dawn għandhom jiġu addebitati lis-soċjetà konvenuta in vista tal-fatt li qabel inbdew dawn il-proċeduri ma kinux ġew mgħarrfa li s-soċjetà Untours Insurance Agents Limited ma kinitx l-assikuratriċi tal-konvenut.

F'dan ir-rigward l-avukat difensur tal-atturi, **Dr Alessia Zammit McKeon** ppreżentat *affidavit*[14] fejn qalet li wara li ġiet avviċinata mill-atturi sabiex tippatroċinahom, hi kienet irċeviet kopja tar-rapport tal-Pulizija, u sussegwentement kienet bagħtet ittra interpellatorja lill-konvenut Braydon Bonnici kif ukoll lis-soċjetà assikurattiva Untours Insurance Agency Limited bħala aġenti tas-soċjetà estera Qatar Insurance Company, għal liema ittra ma rċeviet ebda risposta. Spjegat illi dak iż-żmien, is-soċjetà konvenuta Untours Insurance Agents Limited kienet assumiet il-portafoll ta' SMS Insurance Agents Limited, rappreżentata minn Global Insurance Brokers Limited, kif indikat fir-rapport tal-Pulizija, u li kien għalhekk li l-ittra interpellatorja ntbagħtet lilha. Kompliet tgħid li fit-30 ta' Marzu, 2017 hija kienet bagħtet *email* lid-difensur tas-soċjetà konvenuta fejn talbitu aġġjornament rigward il-pożizzjoni tal-patroċinati tiegħu, għal liema *email* hi baqgħet mingħajr risposta. Qalet ukoll li f'inkontru li kellha mad-difensur tas-soċjetà konvenuta fil-kurituri tal-Qorti, dan kien infurmaha li kien sar tibdil fl-istruttura tas-soċjetà assikurattiva Untours Insurance Agents Limited, u l-prinċipal barrani tagħha kien irtira mix-xena lokali, u għalhekk kien qalilha li l-aħjar mod kif kellha tipproċedi kien permezz ta' kawża l-Qorti. Kien għalhekk li ġew istitwiti

[14] *A fol.* 132 tal-proċess.

dawn il-proċeduri, u kien sussegwentement għall-intavolar tar-Rikors Maħluf tal-atturi, li hija ġiet infurmata li s-soċjetà konvenuta Untours Insurance Agents Limited ma kinitx is-soċjetà assikuratriċi tal-konvenut, kuntrarjament għall-impressjoni li hija kienet ingħatat qabel rat ir-Risposta Maħlufa tagħha.

L-**avukat Simon Micallef Stafrace**[15], li f'dawn il-proċeduri qiegħed jippatroċina lis-soċjetà konvenuta qal fl-*affidavit* tiegħu[16] li fiż-żmien inkwistjoni, is-soċjetà Untours Insurance Agents Limited kienet għaddejja minn tibdiliet strutturali fejn minflok rappreżentanti tas-soċjetà estera Qatar Insurance, din saret *broker* tal-Mapfre Middlesea. Qal li meta hu ġie avviċinat mid-difensur tal-atturi dwar il-possibilità ta' tranżazzjoni barra mill-Qorti, hu kien infurmaha li kien ser ikun impossibbli għas-soċjetà assikuratriċi li tasal għal ftehim barra l-Qorti, u li kien ikun aħjar li l-likwidazzjoni tad-danni ssir mill-Qorti. Qal li meta s-soċjetà Untours Insurance Agents Limited ġiet notifikata bl-atti tal-kawża, ġie eżaminat il-*file* relattiv u kien hawnhekk li ġie stabbilit li l-Untours qatt ma kienet assikuratriċi tad-defunt Emanuel Mangion. Fil-fatt il-ftehim għall-ħlas lill-atturi sar mas-soċjetà Mapfre Middlesea u mhux mal-konvenuta.

## <u>Konsiderazzjonijiet legali</u>

Wara li l-atturi ċedew il-mertu, dak li fadal jiġi stabbilit minn din il-Qorti huwa l-kap tal-ispejjeż, u dan minħabba li l-atturi jippretendu li ladarba s-soċjetà konvenuta naqset milli tirrispondi għall-interpellazzjoni uffiċjali mibgħuta lilha, m'għandhomx ikunu huma li jbatu l-konsegwenzi għal dan in-nuqqas, u dan

[15] *A fol.* 136 tal-proċess.

minħabba li qabel intavolaw ir-rikors maħluf tagħhom huma ma ġewx mgħarrfa li s-soċjetà konvenuta ma kinitx l-assikuratriċi tal-konvenut Braydon Bonnici.

Tqis li f'dan il-każ irriżulta li l-atturi kellhom jintavolaw il-proċeduri odjerni wara li minkejja li debitament interpellaw lis-soċjetà konvenuta, dawn baqgħu mingħajr risposta għat-talbiet tagħhom, tant li kien biss wara l-intavolar ta' dawn il-proċeduri permezz ta' rikors maħluf, li s-soċjetà konvenuta għamlet il-verifiki tagħha u setgħet tinfurmahom li ma kinitx hi s-soċjetà assikuratriċi tal-konvenut.

Tqis illi anki bħala sinjal ta' kortesija, is-soċjetà konvenuta kellha tinforma lill-atturi li ma kinitx hi l-assikuratriċi tal-konvenut, anki sabiex dawn jagħrfu jirregolaw ruħhom aħjar, minflok jaħlu ż-żmien iniedu azzjoni kontra soċjetà li mhix leġittima kontradittriċi f'din il-kawża. Tqis li dan in-nuqqas da parti tas-soċjetà konvenuta għandu jitqies bħala wieħed sinifikanti, u hu għalhekk li qiegħda tiddeċiedi li s-soċjetà konvenuta għandha tiġi kkundannata tħallas l-ispejjeż tal-kawża.

<u>**Decide**</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

**In vista tan-nota ta' ċessjoni ippreżentata mill-atturi fis-17 ta' Ottubru, 2018, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet tal-atturi u tal-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta.**

**Spejjeż a karigu tas-soċjetà konvenuta.**

Moqrija.